Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10421 — Primonial/Société Générale/OPG Window)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 370/07)

1. Fis-7 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Primonial Real Estate Investment Management ("Primonial REIM", Franza), ikkontrollata mill-grupp Bridgepoint ("Bridgegroup", ir-Renju Unit) u Latour Group ("Latour", Franza);

— Sogécap (Franza), ikkontrollata mill-grupp Société Générale ("Société Générale", Franza); kif ukoll,

— OPG Window (Franza).

Primonial REIM u Sogécap jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab tal-Assi fil-Mira.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Primonial REIM: investimenti fi proprjetà immobbli inklużi r-riċerka, l-iżvilupp u d-distribuzzjoni ta' soluzzjonijiet ta' investiment strutturat, assi, u servizzi ta' ġestjoni tal-investiment fil-proprjetà immobbli;

— Sogecap: prodotti ta' tfaddil u protezzjoni tal-assikurazzjoni tal-ħajja offruti lin-networks Bankarji għall-Konsumaturi u dawk Privati ta' Société Générale;

— OPG Window: assi ta' proprjetà immobbli magħruf bħala l-bini "Window" li jinsab f'19 Parvis de La Défense, Puteaux, Franza (92).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jitqies għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja trid tiġi dejjem indikata:

M.10421 — Primonial/Société Générale/OPG Window

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË